MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 1294/1995/2

Leonard *sive* Leo **ATTARD**

vs

John **CAMILLERI** u Anthony Spiteri bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza ta' J & T Co. Ltd.

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-27 ta' Settembru, 1995, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib lill-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "J&T") responsabbli għall-ħsarat li ħarġu fil-ġid tiegħu f'binja bl-isem ta' "*Ranger*" fi Triq il-Mensija, San Ġiljan, minħabba xogħol ta' bini ġdid li l-istess J&T kienet qiegħda tqabbad mal-ħajt tal-appoġġ tal-ġid tiegħu;

(b) tordna li fiż-żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa u taħt is-sorveljanza ta' perit minnha maħtur, isiru x-xogħlijiet kollha rimedjali meħtieġa, magħdud it-tneħħija tal-bini li qiegħed jikkawża l-ħsara, b'mod li l-ġid tiegħu jitqiegħed kif kien qabel seħħew il-ħsarat; (ċ) tawtorizżah biex, f'każ li J&T tonqos li twettaq fil-ħin dak lilha ordnat, ikun jista' jwettaq hu l-istess xogħlijiet bi spejjeż għal J&T; (d) tillikwida d-danni li ġarrab minħabba x-xogħlijiet li għamlet J&T; u (e) tikkundanna lil J&T tħallsu s-somma hekk likwidata bħala danni. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka J&T fil-21 ta' Frar, 1996, li biha laqgħet għat-talbiet tal-attur billi qalet li ma kkawżat l-ebda ħsarat bix-xogħlijiet li għamlet, iżda kien biss ħtija tal-istess attur li ma kienx bena skond ma jridu s-sengħa u l-arti l-ħajt li jifred iż-żewġ proprjetajiet;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-6 ta' Mejju, 1996[1], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Rene' Buttiġieġ bħala perit tekniku;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-Perit Tekniku fil-11 ta' Jannar, 2002[2], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tas-16 ta' Marzu, 2004, minħabba xi dewmien min-naħa tal-attur fil-ħlas tad-drittijiet taxxati lilu;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ġunju, 2004, li bih u fuq talba tal-attur, ordnat li l-perit tekniku jittella' bħala xhud tiegħu in eskussjoni;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' April, 2006[3], li bih ħatret lill-Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda in eskussjoni tal-perit Buttiġieġ fil-post fejn kien rikoverat dak iż-żmien;

Rat li l-imsemmija xhieda ma laħqitx ittieħdet minħabba li l-perit eskuss miet qabel seta' jsirlu dak l-eżami;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

---

[1] Paġ. 17 tal-proċess
[2] Paġġ. 61 sa 90 tal-proċess
[3] Paġ. 181 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll tal-mandat ta' inibizzjoni li jissemma fl-istess atti[4];

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Lulju, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal danni minħabba xogħlijiet li saru f'fond ta' terzi li jmiss mal-ġid tal-attur. Huwa jgħid li l-mod kif J&T qattgħet il-blat għas-sisien tal-binja tagħha wassal għal ħsarat fil-binja tiegħu u din il-ħsara ssoktat tiżdied minħabba li l-binja l-ġdida tqabbdet mal-ħajt diviżorju bla ma kien jiflaħ għat-toqol tal-bini li tellgħet;

Illi għal din l-azzjoni J&T laqgħet billi ċaħdet li hija ħadmet ix-xogħol tagħha b'mod li jikkawża l-ħsara li minnha jilminta l-attur. Tefgħet il-ħtija fuq l-istess attur li, meta kien tella' l-binja tiegħu, ma kienx ħa ħsieb isaħħaħ biżżejjed is-sisien li fuqhom ittella' l-ħajt li jifred dak il-ġid tiegħu mis-sit fejn hija tellgħet ix-xogħol ġdid tagħha;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-attur huwa s-sid ta' blokka ta' bini konsistenti f'terran (użat bħala fabbrika tal-ħġieġ) u żewġ appartamenti fuq xulxin li ġġib l-isem ta' "*Ranger*", li tinsab fi Triq il-Mensija, San Ġiljan. Huwa bena dik il-blokka fl-1980, wara li kien qata' l-blat. Wara li sar il-bini, tbaxxa l-livell tat-triq;

Illi J&T hija s-sid tal-art ta' ħdejn dik il-blokka. Is-sit jiġi fuq in-naħa tal-lvant tal-ġid tal-attur hekk kif wieħed iħares lejh mit-triq, u jagħti wkoll għal triq oħra li tiġi fuq in-naħa ta' wara u li hija ogħla mit-triq li fuq il-faċċata tagħha jagħti l-bini tal-attur. Hija bdiet tiżviluppaha f'xi żmien matul l-1995. Bdiet ix-xogħlijiet billi wkoll qattgħet il-blat, imma billi dan sar wara li kien tbaxxa l-livell tat-triq, it-tqattigħ niżel xi żewġ filati aktar 'l isfel minn dak li kien għamel l-

[4] Rik. Inib. 4049/95NA

attur. Il-kuntrattur li qatta’ l-blat tal-art tal-attur kien l-istess wieħed li tqabbad minn J&T waqt ix-xogħlijiet li għamlet hi fi ħwejjiġha[5]. J&T qattgħet il-blat sewwasew sa taħt il-ħajt li jifred ġidha minn dak tal-attur. Matul il-proċess tat-tqattigħ, ħareġ dagħbien taħt il-binja tal-attur għal tul ta’ xi metru u nofs u m’ogħla ħmistax-il ċentimetru. Dan id-dagħbien imtela bil-konkos minn J&T meta kien qiegħed jitqiegħed l-irfid tal-konkos għas-sisien tal-ħajt tal-bini tagħha;

Illi waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet ta’ J&T, l-attur ra xi sinjali ta’ ħsara fuq livelli differenti tal-bini tiegħu. Kien talab l-intervent tal-Pulizija, li ġew u waqqfu lill-bennej[6];

Illi f’Ġunju tal-1995, l-attur qabbad perit biex jaghtih il-fehma tiegħu dwar il-ħsarat (konsenturi fil-ħajt diviżorju) li kienu ħarġu hu u jsir ix-xogħol minn J&T. Il-perit ħareġ ċertifikat fejn wera l-fehma li l-ħsara kienet strutturali u ta’ xejra kbira u li kien meħtieġ li ssir azzjoni rimedjali biex jissaħħu s-sisien taħt il-ħajt fejn intwera ċ-ċediment. Meta l-perit aċċeda t-tqattigħ tal-blat min-naħa ta’ J&T kien intemm[7];

Illi f’Settembru tal-1995 infetħet din il-kawża, u lejliet ukoll l-attur ressaq talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni. Fl-atti ta’ dak ir-rikors, il-Qorti kienet ħatret perit tekniku biex ifittex u jirrelata (mqar bil-fomm) dwar l-ilmenti tal-attur. It-talba tiegħu ntlaqgħet b’degriet motivat u innovativ mogħti fid-29 ta’ Frar, 1996. Fid-dawl tal-imsemmija proċedura, J&T ma qabbditx il-bini l-ġdid tagħha mal-ħajt li jifred ġidha mill-bini tal-attur, imma tellgħet ħajt ieħor bħala qoxra mserraħ fuq pilastru tal-konkrit m’ogħla tliet filati mill-wiċċ tal-blat, għalkemm sal-livell tat-terran kienet qabbdet travi tal-konkrit mal-imsemmi ħajt biex jitqiegħed is-saqaf ta’ dak is-sular[8]. Il-binja ta’ J&T ittellgħet sa għoli ta’ seba’ (7) sulari minn wiċċ it-triq, imma s-soqfa ta’ dik il-binja, ’l fuq mit-terran, tqiegħdu jistrieħu kollha fuq il-ħajt li ttella’ bħala qoxra ġdida u ma tqabbdux mal-ħajt li jifred il-bini tal-attur mill-binja l-ġdida;

---

[5] Xhieda tal-attur 16.4.1997 f’paġ. 135 tal-proċess
[6] Xhieda ta’ George Farruġia 16.3.1998, f’paġġ. 152 u 159 tal-proċess
[7] Xhieda tal’A.I.Ċ. Anthony Bailey 20.11.1996, f’paġ. 127 tal-proċess
[8] Xhieda tal-A.I.Ċ. Brian Ebejer 12.6.1997 f’paġ. 141 tal-proċess

Illi l-konsiderazzjonijiet ta’ natura legali li l-Qorti jeħtiġilha tagħmel jintrabtu sfiq mal-kostatazzjonijiet ta’ għamla teknika li tabilfors jiddominaw il-kwestjoni, b’qies ukoll ta’ xi aspetti ta’ dritt li joħorġu mill-fatti riżultanti. In-natura essenzjali tal-azzjoni attriċi hija waħda għal risarċiment ta’ dannu mġarrab marbut max-xilja li l-kumpannija mħarrka taħti għal dan id-dannu. Il-parametri ta’ azzjoni mibnija fuq il-ħtija akwiljana huma mfasslin mil-liġi nfisha. L-għajn ewlenija li ssejjes ir-responsabbilta’ ċivili toħroġ minn imġiba li wieħed jislitha minn dolo jew kolpa[9];

Illi **dwar il-kwestjoni tar-responsabbilta’ għal dak li seħħ**, huwa prinċipju stabilit li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha[10], u li jitqies fi ħtija kull min, f’għamilu, ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta’ missier tajjeb tal-familja[11]. B’mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b’nuqqas ta’ għaqal, ta’ prudenza jew ta’ ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f’hekk[12]. Madankollu, ħsara li sseħħ b’aċċident jew b’forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor[13];

Illi bil-frażi “dmir impost mil-liġi” wieħed għandu jifhem kull għamla ta’ ksur jew trasgressjoni ta’ xi dover li l-liġi tqiegħed fuq persuna partikolari f’xi ċirkostanza partikolari[14], u dan taħt il-massima *qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non fecit*. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li b’liġi hawn wieħed ma jifhimx biss il-liġi ċivili, imma wkoll kull att leġislativ li għandu s-saħħa ta’ liġi;

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għamil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li

[9] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D’Amato noe vs Filomena Spiteri et***

[10] Art. 1031 tal-Kap 16

[11] Art. 1032(1) tal-Kap 16

[12] Art. 1033 tal-Kap 16

[13] Art. 1029 tal-Kap 16

[14] App Ċiv. **30.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Bondin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.582**)

min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta' ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni[15]. Fil-każ tal-lum, fir-rigward tal-kwestjoni tar-responsabbilta' huwa meħtieġ li jintwera li l-attur ġarrab il-ħsarat li minnhom jilminta u kif ukoll jeħtieġ li jintwera li dik il-ħsara kienet ħtija ta' J&T;

Illi għar-rigward tal-kawża tal-ħsarat, il-perit tekniku wasal għall-fehma[16] li tassew li ħarġet il-ħsara li rrileva l-perit arkitett imqabbad mill-attur fir-rapport tiegħu tat-18 ta' Lulju, 1995[17]. Wasal għall-fehma wkoll li dik il-ħsara seħħet wara li sar it-tqattigħ tal-blat mill-kuntrattur imqabbad minn J&T. Huwa qal, madankollu, li dik il-ħsara ma saritx minħabba xogħol ħażin li wettqet J&T jew dawk imqabbdin minnha. Għall-kuntrarju, il-perit tekniku wasal għall-fehma (u ta raġunijiet fattwali u tekniċi biex ifisser kif wasal għaliha) li l-kawża tagħhom toħroġ mill-fatt li l-attur innifsu naqas b'għaqal milli jiżgura sisien tajbin biżżejjed għall-ħajt ta' barra (li huwa l-ħajt diviżorju bejn ġidu u dak tal-binja mtella' minn J&T) billi ma baqax iħaffer iżjed fil-fond meta kien qiegħed isir il-qtugħ tal-blat qabel ma tella' l-binja tiegħu fl-1980. Ta' min jinnota wkoll li, fir-rapport tiegħu, il-perit tekniku mqabbad minn din il-Qorti fl-atti tar-rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kien wasal għal fehma tixbahha, meta qies li x'aktarx li xi ħsara li lminta minnha l-attur bix-xogħlijiet li kienet qiegħda tagħmel J&T setgħu kienu diġa' seħħew qabel ma J&T bdiet it-tqattigħ tal-blat;

Illi l-perit tekniku wera l-fehma sħiħa li dak li ġarrab l-attur ma kienx marbut ma' xi xogħol ħażin jew mhux skond is-sengħa li sar minn J&T jew dawk imqabbdin minnha, imma minn "xeħħa" min-naħa tal-attur innifsu li, biex ma jidħolx f'aktar spejjeż, sejjes il-binja fuq pett li ma kienx sod u li taħtu kien hemm dagħbien. Fi kliem ieħor, il-fehma tal-perit tekniku hi li l-attur ġab dak li ġralu b'idejh stess;

---

[15] App. Ċiv. Inf. **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġovanni Vella et vs Michael Ċilia***
[16] Ara § 11 tar-Relazzjoni, f'paġ. 87 tal-proċess
[17] Dokti "A" u "LA1", f'paġġ. 5 – 6 u 119 – 120 tal-proċess

Illi biex jista' jingħad li l-parti mġarrba nnifisha taħti għall-ħsara li tkun ġratilha, jeħtieġ li jintwera li l-parti mġarrba minn għamil ta' ħaddieħor trid tkun għamlet xi ħaġa hija stess li bis-saħħa ta' dak l-għamil qatgħet ir-rabta bejn l-għamil oriġinali bħala l-kawża u d-dannu mġarrab bħala l-effett ta' dik il-kawża. Jista' jkun hemm din il-kontributorjeta' wkoll fejn ir-rabta kawżali ma tinqatax għal kollox, imma tkun waħda li tagħti lok għal tnaqqis tal-effetti tar-responsabbilta' ewlenija. Biex jista' jingħad li kien hemm min-naħa tal-parti mġarrba kontributorjeta' li xxejjen ir-responsabbilta' ta' min wettaq l-għamil dannuż, jeħtieġ jintwera li l-għamil tal-vittma kien wieħed maħsub u dipendenti fuq ir-rieda tagħha[18];

Illi dan il-prinċipju jinstab ukoll f'sistemi oħrajn ta' dritt, fosthom dak taljan[19], fejn huwa miżmum li "*Si ha interruzione del nesso causale, per effetto del comportamento sopravvenuto del soggetto danneggiato, soltanto quando il fatto di costui si ponga come unica ed esclusiva causa dell'evento dannoso, si` da privare di efficienza causale e da rendere giuridicamente irrilevante il precedente comportamento dell'autore dell'illecito. Non si ha, invece interruzione del detto nesso quando, essendo ancora in atto ed in sviluppo il processo produttivo del danno, avviato dal fatto illecito dell'agente, nella situazione di potenzialita` dannosa da questo creata, si inserisce il comportamento dello stesso soggetto danneggiato, preordinato proprio a fronteggiare e, possibilmente, neutralizzare le conseguenze di quell'illecito, il quale resta, in tal caso, unico fatto generatore del danno*"[20];

Illi dan it-tagħlim jixhed ukoll li biex jista' jingħad li l-persuna mġarrba tista' titqies li ikkontribwiet hija nnifisha għall-ħsara mġarrba, trid tkun għamlet xi ħaġa wara li jkun sar l-għamil dannuż jew tal-anqas huwa u jsir tali għamil. Fuq kollox, huwa dmir tal-parti li tagħmel l-att dannuż li

---

[18] Cass. **6.10.1972**, nru. 2900 (*Giust. Civ.* Massimario 1972, fol 1615)
[19] Art. 1227 tal-*Codice Civile* msejjaħ "*concorso del fatto colposo del creditore*"
[20] Cass. **13.11.1969**, nru. 3701 (*Giust. Civ.* Massimario 1969, fol 1860)

tipprova li għall-ħsara li seħħet kienet ikkontribwiet il-vittma nnifisha[21];

Illi fuq kollox, huwa tassew rilevanti fejn jingħad li "*L'esistenza di una condotta iniziale del danneggiato, qualificabile come imprudente o negligente, non esclude in via assoluta la responsabilita` di colui che si inserisca nel processo causativo del danno con un'azione decisamente determinante per la produzione del fatto lesivo*"[22]. Dan it-tagħlim jgħodd wisq għall-każ tal-lum;

Illi fil-każ li għandna quddiemna, il-perit tekniku wera l-fehma li l-konsenturi li ħarġu fil-post tal-attur kienu marbutin man-nuqqas tiegħu li jieħu ħsieb li jara li s-sisien tal-binja tiegħu kienu mqiegħda fuq is-sod. Il-perit jidher li qagħad fuq il-fatt – li ma setax kien magħruf lill-attur fiż-żmien li huwa tella' l-binja tiegħu fl-1980 u li saret ħaġa definittiva biss meta J&T qabbdet lill-kuntrattur tagħha biex iqatta' l-blat fis-sit tagħha fl-1995 – li l-pett taż-żonqor li kien wassal lill-attur biex iwaqqaf it-tqattigħ tal-blat tas-sit tiegħu kien wieħed irqiq u li taħtu kien hemm dagħbien naturali li dgħajjef is-sisien tal-binja tal-attur sa minn żmien qabel ma' J&T bdiet tħammel u tħaffer is-sit tagħha. Dan jista' jkun hekk tassew, imma b'daqshekk ifisser li x-xogħol li għamlet J&T kien għal kollox newtrali għall-effetti li ġarrab il-bini tal-attur hu u jsir dak ix-xogħol ? Il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-waħda hija maqtugħa mill-oħra jew li J&T setgħet taħdem kif trid ladarba l-attur ma kienx għaqli b'mod assolut meta bena ħwejġu;

Illi b'żieda ma' dan, ħareġ ukoll li meta J&T qattgħet il-blat tas-sit li riedet tibni fih, hija għamlet dan sal-ħajt li kien iżomm il-binja tal-attur. Għalkemm it-tqattigħ bil-*hymac* sar sa ċertu bogħod minn dak il-ħajt, it-tqattigħ issokta jsir bil-*jack-hammer* sa taħt il-ħajt eżatt[23]. Dan il-fatt huwa konfermat mill-provi[24] u kif ukoll mill-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku;

---

[21] Cass. **7.1.1965**, nru. 4 (*Giust. Civ.* Massimario 1965, fol. 2)
[22] Cass. **13.11.1958**, nru. 3702 (*Giust. Civ.* Massimario 1958, fol. 1334)
[23] Xhieda ta' John Vidal 15.1.1997, f'paġ. 130 tal-proċess
[24] Xhieda ta' Mary D. Attard 20.11.1996, u ta' John Camilleri 15.7.1997, f'paġġ. 128 u 144 tal-proċess

Illi dan il-fatt idaħħal ukoll ċirkostanza legali ġdida fil-konsiderazzjonijiet li jixraq isiru f'din il-kawża. Din iċ-ċirkostanza tinħalaq minn dak li jipprovdi l-artikolu 439 tal-Kodiċi Ċivili u dwarha l-perit tekniku ma ressaq l-ebda fehma. Jista' jkun li fil-konsiderazzjonijiet tekniċi l-perit deherlu li ma kellux jidħol f'eżerċizzju ta' tifsira tal-liġi (u s'hawnhekk mexa sewwa) iżda, minkejja li fil-ġbir tal-provi aktar minn xhud wieħed tenna li t-tqattigħ tal-blat fis-sit ta' J&T baqa' sejjer sa mal-ħajt tal-ġid tal-attur, l-istess perit tekniku baqa' ma lissen l-ebda fehma;

Illi l-artikolu 439 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li ħadd ma jista' jħaffer fil-fond tiegħu bjar, ġwiebi jew latrini jew jagħmel tħaffir ieħor għal kull ħsieb li jkun, f'bogħod ta' anqas minn sitta u sebgħin ċentimetru mill-ħajt diviżorju. Il-kliem kategoriku ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi wasslet biex sa minn żmien ilu (u għalhekk meta t-teknoloġija tat-tħaffir tas-siti ma kenitx għadha mxiet 'il quddiem sal-livelli u bl-għodda li jeżistu llum) l-Qrati tagħna qisuhom bħala divjet assolut li n-nuqqas ta' ħarsien tagħhom jġib ir-responsabbilta' għall-konsegwenzi dannużi mġarrba mill-ġar fil-fond tiegħu u l-obbligu tal-persuna responsabbli li jagħmel tajjeb ħalli titneħħa l-ħsara u jitwarrab il-periklu[25]. Tfissru wkoll bħala dispożizzjoni li turi l-fehma ċara tal-leġislatur li joħloq bilanċ bejn l-interessi tal-ġirien fil-mod kif igawdu ġidhom, u għalhekk m'humiex derogabbli jekk mhux bi qbil espress tal-partijiet kollha involuti[26];

Illi n-nuqqas ta' ħarsien *ad unguem* tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, li taqa' taħt it-taqsima ta' servitu' stabiliti mil-liġi, jista' jwassal biex iseħħ ksur tal-obbligu ta' persuna li ma tikkawżax ħsara lill-ġar tagħha, wkoll meta x-xogħlijiet ikunu qegħdin isiru fl-ambitu tal-patrimonju tiegħu u fil-qies li jmiss[27], u dan għaliex id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili ma jġibux fix-xejn dawk tal-artikolu ta' wrajh[28];

---

[25] App. Ċiv. **12.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Grixti et vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.283**)
[26] Maġ. Ċiv (Għ) AE **14.12.2007**fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Aġius et vs Gozo Consolidated Building Contractors Ltd et***
[27] Ara, pere eżempju, P.A. DS **9.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Cassar vs Francis Sammut noe***
[28] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Joanna Briffa vs Spinola Development Company Ltd***.

Illi, fuq kollox, jekk kemm-il darba jirriżulta li xiħadd naqas li jħares id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 439 hu u jsir xogħol ta' tħaffir fis-sit li jmiss ma' ta' ħaddieħor, titnissel ukoll il-preżunzjoni *juris tantum* li kull ħsara li sseħħ fil-ġid tal-ġar tkun kawża diretta tax-xogħol li jkun qiegħed isir bi ksur ta' dak l-artikolu[29]. Dan iġib il-ħtieġa li min ikun wettaq xogħlijiet ta' tħaffir bi ksur ta' dak l-artikolu, jaqa' fuqu d-dmir li jipprova li dak ix-xogħol ma ġabx il-ħsara li jkun jilminta minnha l-ġar;

Illi l-għaqal ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi qajla jista' wieħed iwarrbu bħala sempliċi biżgħa eżaġerat. Quddiem il-Qrati tagħna ta' spiss jitressaq l-argument li bl-għarfien u bit-teknoloġija disponibbli għall-kuntratturi llum il-ġurnata, m'għandu jkun hemm l-ebda biżgħa li t-tħaffir ġewwa sit sal-linja li tifred ġid minn ieħor sejjer jikkawża ħsara lill-fond li jmiss miegħu. L-għarfien u t-teknoloġija waħedhom m'humhiex garanzija li tbiegħed fil-fatt il-possibilita' li ssir il-ħsara. Mhux darba jew tnejn, f'dawn l-aħħar żminijiet ta' ħila u teknoloġija avvanzata, seħħew inċidenti koroh fejn mhux biss seħħet ħsara lill-ġid ta' biswit, imma ntilfu wkoll ħajjiet ta' persuni li kienu għall-kenn ta' darhom u ġġarraf kollox fuqhom;

Illi l-Qorti tqis li dawn il-konsiderazzjonijiet m'humiex anqas siewja f'din il-kawża minkejja li l-bini tal-attur ma ġġarrafx. Fuq kollox, huma konsiderazzjonijiet li jitrikkbu fuq il-fatt li l-perit tekniku nnifsu wasal għall-fehma li "***huwa f'pożizzjoni li oltre li jaqbel li l-ħsarat fit-travi ġie kawżat jew miżjud bix-xogħol tal-qtugħ tal-blat fis-sit adjaċenti****, huwa tal-opinjoni li dis-sitwazzjoni hija riżultat tal-fatt li fit-tħaffir tiegħu, l-attur naqas li jsib l-aħjar sodda għal-pedament tiegħu*". Minn din is-silta, u fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 439 imsemmi, l-Qorti tqis li dik il-kostatazzjoni ta' fatt rabtet il-ħsara li ġarrab l-attur mal-fatt tal-għamil ta' J&T. Jista' jkun, kif josserva l-perit tekniku, li l-attur ixxaħħaħ xi ftit u waqqaf lill-kuntrattur tiegħu milli jibqa' nieżel aktar fil-fond fit-tqattigħ tal-blat tas-sit tiegħu meta kien qiegħed itella' l-binja tiegħu, imma

[29] Maġ. Ċiv (Għ) AE **26.9.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. John Cassar et vs Salvu Attard et***

dan ma jneħħi xejn mir-rabta kawżali bejn il-ħsara li ħarġet fil-bini tal-attur u x-xogħol ta' tħaffir (mhux konformi mal-liġi għal dak li jirrigwarda d-distanza preskritta) li sar minn J&T. J&T ma għamlet l-ebda prova attendibbli biex turi li dik il-ħsara kienet hemm qabel ma bdiet ix-xogħlijiet tagħha u wisq anqas li dik il-ħsara ma żdiditx huma u għaddejjin l-imsemmija xogħlijiet. Wara kollox, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, ħadd ma jwieġeb għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza jew nuqqas ta' ħsieb fi grad akbar[30];

Illi tassew li huwa stabilit li l-fehmiet ta' perit tekniku mfissra f'rapport tiegħu għandhom is-saħħa ta' prova u mhux ta' fehma sempliċi u li l-Qorti tista' toqgħod fuqhom bħala fatt pruvat, l-aktar fejn dawk il-fehmiet ikunu dwar aspett tekniku li l-Qorti qajla tifhem fih. Imma din ir-regola mhijiex waħda assoluta u l-Qorti m'hijiex marbuta li taċċetta bl-għama kull fehma teknika li titressaq quddiemha mqar mill-periti maħturin minnha jekk kemm-il darba jkun hemm raġunijiet tajba biex tagħmel dan[31]. Fil-każ tal-lum il-Qorti jidhrilha li għandha titbiegħed mill-fehma kategorika tal-perit tekniku li deherlu li kien l-attur innifsu li waħdu jaħti għall-ħsara mġarrba fi ħwejġu. Dan qiegħda tagħmlu għaliex, meta jittieħed kont tal-fatti pruvati u kostatati mill-istess perit fil-qafas tal-liġi li tgħodd għall-każ, joħroġ li r-responsabbilta għal dak li seħħ ma tistax titqiegħed fuq l-attur, għall-anqas fl-istess grad li jmissha titqiegħed fuq J&T. U billi J&T naqset li tipprova kif dik il-ħtija jmissha tolqot ukoll lill-attur, jiġi li hija waħedha trid twieġeb għal dik il-ħsara ġdida riskontrata b'riżultat tax-xogħol ta' tqattigħ tal-blat li hija kienet qiegħda tagħmel fi ħwejjiġha;

Illi, wara li qieset b'reqqa l-fatti riżultanti l-aktar rilevanti, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tilqagħha;

Illi **dwar it-tieni u t-tielet talbiet attriċi**, dawn jirrigwardaw ir-rimedju effettiv li l-attur qiegħed jitlob f'din l-azzjoni

---

[30] Art. 1032(2) tal-Kap 16

[31] Ara, minn fost bosta eżempji, App. Ċiv. (Inf) **15.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Tal-Franċiż Construction Ltd et vs Anġlu Żarb***

tiegħu. Jidher li matul iż-żmien li kienet qiegħda tinstema' l-kawża u fl-istadju tal-ġbir tal-provi min-naħa tal-perit tekniku, jirriżulta li J&T, fuq struzzjonijiet tal-perit imqabbad minnha, wettqet xogħlijiet fejjieda u f'waqthom biex il-ħsarat li setgħu seħħew jitwarrbu u jinżammu fl-anqas possibbli. Minn dawk il-provi joħroġ li J&T bidlet il-mod kif kellu jisserraħ il-bini li kienet qiegħda ttella' billi (għajr għal-livell terran) ma baqgħetx isserraħ il-bini tagħha mal-ħajt diviżorju tal-binja mtella' mill-attur. Minbarra dan, fejn jirrigwarda l-irfid tas-sisien u l-mili tad-dagħbien li ħareġ u u jsir it-tħammil, J&T għamlet sewwasew dak li l-perit *ex parte* tal-attur kien irrakkomanda li kellu jsir fir-rapport tiegħu maħruġ f'Lulju tal-1995;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dawn ix-xogħlijiet neħħew il-periklu tat-tiġrif tal-bini tal-attur u jidher li ssodawh aktar milli kien qabel. Din il-fehma toħroġ kemm mill-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku u wisq aktar mill-fatt li, wara li saru tali xogħlijiet, l-attur ma baqax jisħaq fuq dak li kien talab fil-Mandat ta' Inibizzjoni li ressaq dak inhar li fetaħ il-kawża. Dan joħroġ ukoll mill-fatt li l-istess degriet li laqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat kien ordna li l-istess Mandat jinħareġ biss jekk kemm-il darba J&T tonqos li tagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa biex ma tissoktax il-ħsara fil-fond tal-attur, taħt id-direzzjoni tal-istess perit tekniku minnha maħtur. Huwa magħruf li l-għan ta' azzjoni għar-rimedju minn att li joħloq dannu huwa b'mod ewlieni dak minn uħud imfisser bħala "reintegrattiv tal-istat li tkun fih il-parti danneġġata qabel il-fatt"[32]. F'dan il-każ, il-Qorti hija soddisfatta li dak li għamlet J&T kien biżżejjed biex reġgħet stabiliżżat l-integrita' patrimonjali tal-attur, jekk mhux ukoll tejbet fuq li kien hemm billi mliet xi nuqqas li l-perit tekniku kien irravviża fl-attur;

Illi dan kollu jwassal lill-Qorti għall-fehma li l-mertu taż-żewġ talbiet taħt eżami (li huma marbutin sfiq flimkien għaliex konsegwenzjali għal xulxin), issa huwa eżawrit u żgur m'huwiex il-każ li jitwaqqa' l-bini mtella' minn J&T jew li l-Qorti tagħti xi direttivi oħrajn dwar xi ħsarat oħrajn li

[32] Per eżempju, P. A. RCP **31.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Agency Ltd vs Martin Saliba***

setgħu irriżultaw imma li l-attur baqa' ma semmiex tul iż-żmien kollu li l-perit tekniku kien qiegħed jiġbor ix-xhieda. Madankollu, jibqa' l-fatt li dak kollu għamlet J&T bħala xogħol rimedjali sar fil-mori tal-kawża, u għalhekk ma jista' bl-ebda mod jingħad li t-talbiet kienu saru għalxejn. Din iċ-ċirkostanza hija rilevanti għall-kwestjoni tal-kap tal-ispejjeż;

Illi dwar **ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi** l-attur naqas għal kollox li jressaq xi ħjiel ta' prova. Waqt ix-xhieda ssemma xi tkissir ta' ħġieġ (dekorattiv li kien inħadem fil-*garage*/fabbrika fil-livell terran tal-attur) hu u jsir it-tqattigħ tal-blat minn J&T u ssemmew ukoll konsenturi li ħarġu fit-travi u l-ħajt diviżorju ftit taż-żmien wara li, kif xehed l-attur, hu kien għadu kemm bajjad il-ħitan. Madankollu, u minkejja ż-żmien x'aktarx twil li fih damu jitressqu l-provi quddiem il-perit, lanqas l-iċken prova jew dokument ma tressaq li jagħti ħjiel tad-dannu li l-attur jippretendi li ġarrab. Kien jaqa' fuqu d-dmir li jressaq din il-prova u żgur ma jistax jingħad li kien dmir il-kontro-parti li tagħmel dan, l-aktar meta hija ċaħdet għal kollox li l-attur ġarrab xi dannu b'dak li hija għamlet. Lanqas ma jista' jingħad li l-mansjoni tal-perit kienet waħda limitata biss għall-kwestjoni tar-responsabbilta', għaliex il-ħatra mogħtija lilu kienet waħda li tinfirex fuq it-talbiet kollha tal-attur, u fl-ebda waqt tal-kawża ma saret xi dikjarazzjoni min-naħa tal-partijiet li l-ħatra kellha tillimita ruħha għal xi aspett wieħed tal-azzjoni attriċi;

Illi fin-nuqqas ta' provi u għaliex x'aktarx li l-ħsara mġarrba mill-attur ma kinitx waħda kbira wara li J&T ħadet il-miżuri rimedjali meħtieġa u rakkomandati, l-Qorti sejra tqis li tali ħsarat kienu ta' ftit siwi li ma jeħtieġu l-ebda eżerċizzju ieħor ta' likwidazzjoni jew konsiderazzjoni[33];

Illi għalhekk, minħabba nuqqas ta' provi, ma jidhirx illi huwa l-każ li ssir likwidazzjoni għall-finijiet tar-raba' u l-ħames talbiet attriċi;

[33] P.A. GCD **12.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Daniel Camilleri et vs Kunsill Lokali Ħamrun***

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi**, u ssib li l-kumpannija mħarrka kienet responsabbli għall-ħsara li seħħet fil-bini tal-attur hu u jsir xogħol ta’ tqattigħ tal-blat fis-sit li jmiss mal-bini tal-attur;

**Tastjeni milli tqis aktar it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** billi l-mertu tagħhom huwa eżawrit minħabba x-xogħlijiet rimedjali li saru mill-istess kumpannija mħarrka matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża;

**Tiċħad ir-raba’ u l-ħames talbiet attriċi** billi l-attur naqas għal kollox li jressaq provi fir-rigward; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu bejn il-partijiet indaqs bejniethom.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------